MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 704/2005

**Image Systems Limited (C4052)**

**Vs**

**General Supplies & Services Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf u erbgha u tletlin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,034.50c) rapprezentanti kera ta` apparat u servizzi provduta mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li m'hemm l-ebda servizz li ghalih is-socjeta` attrici ghadha ma thallsitx u li l-kirja mertu ta` din il-kawza giet terminata bi qbil bejn il-partijiet.

Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jekk kien hemm xi ammont verament dovut, il-konvenut ma giex mgharraf bih qabel il-kawza u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji.

Sema` x-xhieda ta` Ian Romano u ta` William Ambrogio.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra li fis-seduta tad-19 t`Ottubru, 2006 il-konvenut ammetta t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta` disa` mitt lira Maltin (Lm900) liema somma s-socjeta` attrici ddikjarat li hija disposta li taccetta.

Ra wkoll li l-partijiet qablu li tinghata sentenza f'dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta` disa` mitt lira Maltin (Lm900) bl-imghax legali mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------